MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2012

Numru 1323/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Ahmed Mohamed Mohamed Abougomaa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Ahmed Mohamed Mohamed Abougomaa ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Mohamed u Fatima Ibrahim, imwieled fit-3 ta’ April 1984 u residenti l-Imsida, detentur ta’ Passaport Egizzjan Numru A 07307470 talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda fl-14 ta’ Dicembru 2012 u fil-perjodu ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer:

1. Xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika;

2. Biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih u cioè timbru;

3. Ittrasferixxa passaport mahrug lilu nnifsu, lil persuna ohra;

4. Ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz, uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att[1] li kien falsifikat;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina;

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssibu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena, filwaqt li kkunsidrat il-gravità ta' l-akkuzi li taghhom l-imputat qed iwiegeb li huwa hati, hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina

[1] L-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

penali netta, irregistra ammissjoni bikrija u li kkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 3(a) u 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32(1)(c) u (d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f’dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta’ dan it-terminu ta’ prigunerija, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija ghal perijodu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------